TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 8/13-F

Graziella u Victor Sultana

vs

Ventur Motor Centre Co. Ltd.

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' *crack pulley* difettuża u *drive belt*, kif ukoll *nickel* tal-bibien ta' wara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw BMW mingħand id-ditta intimata, li mill-bidu nett kellha xi ħoss u l-istess intimat wiegħed li jista' jsewwi l-problema meta jkollu l-*ispare parts* f'idejh. Illi jidher li għadda ħafna żmien u dawn ma ssewwewx.

Sadanittant ir-rikorrenti ħa stima tal-affarijiet, liema stimi ġew ippreżentati fit-Tribunal.

L-intimat issottometta li qabel illi kien hemm ftehim illi kellu jbiddel l-affarijiet fosthom żewġ *tyres* aħjar, *side steps* tal-*chrome* u jekk isib *pulley* li tagħmel inqas ħoss ibiddilha, pero' l-ispejjeż tal-*pulley* kellhom ikunu f'idejn ir-rikorrenti. Illi fil-fatt kienu bidlu l-erba' *tyres* u mhux tnejn u kien lest li jbiddel il-faxxa tan-*nickel* ukoll.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti ma jistax ikun jibqa' jistenna lill-intimat biex forsi jsib xi *parts* minn xi karozza oħra u li għadda ħafna żmien.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888